- *Bejgħ mhux tal-kwalita` pattuwita – identita ta' min ikkuntratta*
- *Nuqqas ta' depożitu ġudizzjarju tal-oġġett rifjutat*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 19 ta' Ottubru 2021.**

**Rikors Ġuramentat Nru. 1124/2016 GM**

**Rose Barun (detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru 721757(M) u Paul Barun (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 778354(M)**

**vs**

**Intercomp Marketing Limited (C- 20612)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ta' Rose Barun (detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru 721757(M) u Paul Barun (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 778354(M): li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :

Jiġġestixxu u joperaw ħanut li jġib l-isem ta' Gamblu Confectionary u jinsab fi Triq Villabate Ħaż-Żabbar u kif ukoll ħanut ieħor li jinsab f'Labour Road, Iż-Żejtun;

Fuq insistenza tas-soċjeta` konvenuta kienu xtraw mingħandha żewġ sistemi li jirreġistraw il-bejgħ minn ġewwa dawn il-ħwienet, liema sistemi kellhom jkunu *synced*, jiġifieri jaqblu flimkien, u jġorru u jżommu ġewwa fihom l-istess *data* sabiex dawn iż-żewġ ħwienet ikunu jaqblu nkwantu *stock* u prezzijiet tal-prodotti li jbiegħu l-esponenti, liema sistema s-soċjeta` konvenuta kienet qaltilhom li kienet kapaċi tforniha u tipprovdiha;

Kien fuq din il-wegħda li kienet inxtrat u ġiet installata sia l-ewwel u t-tieni sistema u dan kif jirriżulta mid-Dokument PB1 u Dokument PB2;

Dawn is-sistemi fil-fatt ma jaqblux u ma jaħdmux flimkien, u kien sa Mejju tas-sena kurrenti 2016,li s-soċjeta` konvenuta baqgħet twiegħed lill-esponenti li kienet ser tirrimedja għal dawn in-nuqqasijiet fis-sistema, u saħansitra offriet kreditu lill-esponenti ta' €5581.99 kif jirriżulta mid-dokument anness u mmarkat bħala 'Dokument PB2';

Din il-wegħda ta' kumpens in kwantu danni saret mis-soċjeta` konvenuta wara diversi lmenti mill-esponenti u/jew persuni li jiġġestixxu n-negozju tagħhom;

L-ammont likwidat mis-soċjeta` konvenuta ma kienx ikopri d-danni ssubiti mill-esponenti u kienet wegħda ta' kumpens jekk l-esponenti jiddeċiedu li jixtru sistema oħra li tiswa ħafna aktar flus minn dawk li huma kienu diġa` xtraw; liema sistema l-esponenti ma ridux jinvestu fiha peress li ma kellhomx fiduċja fis-sistemi offerti mis-soċjeta` konvenuta;

Minħabba dawn in-nuqqasijiet, l-esponenti sofrew danni nġenti, peress illi s-sistema (i) ma taħdimx kif kienet wegħdet is-soċjeta` konvenuta, u dan wassal għal diffikultajiet kbar fir-reġistrazzjoni tal-prezzijiet fost problemi oħrajn; bħal telf ta' bejgħ u (i) ikkaġunat danni kbar inkwantu l-esponenti kellhom jirrifondu lill-kljenti tagħhom ammont sostanzjali ta' flejjes minħabba diffikultajiet fil-komputazzjoni tal-punti li huma parti mill-loyalty scheme li kienu joffru l-esponenti ġewwa l-ħwienet tagħhom;

Minħabba dawn id-diffikultajiet l-esponenti tilfu wkoll diversi klijenti u bejgħ ta' prodotti;

Is-soċjeta` konvenuta diġa` ġiet interpellata sabiex tersaq għal likwidazzjoni u ħlas ta' danni subiti mill-esponenti;

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lill-istess soċjeta` konvenuta responsabbli tad-danni minnha kkaġunati lill-atturi kif intqal hawn fuq b'konsegwenza tal-akkwist tas-sistemi provduti mis-soċjeta` konvenuta;

2. Tillikwida d-danni minnha kkaġunati lill-atturi occorrendo jekk il-każ permezz ta' perit u esperti nominandi, liema danni jinkludu wkoll ir-rifużjoni tal-prezz li l-konvenuti ħallsu għall-imsemmija sistemi lis-soċjeta` attriċi u kif ukoll id-danni li ssubew minħabba n-nuqqasijiet tal-istess sistemi;

3. Tikkundanna lill-istess soċjeta` konvenuta tħallas lill-atturi d-danni hekk liwkidati.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont il-liġi kontra s-soċjeta` konvenuta.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tas-soċjeta` imħarrka Intercomp Marketing Limited [Reġ. Nru. C-20612] li permezz tagħha eċċepiet illi :

1. L-azzjoni attriċi hi bbażata fuq ir-rapport kontrattwali ta' bejgħ bejn il-partijiet. Għaldaqstant, ir-relazzjoni ġuridika li tgħaqqad lill-istess partijiet hija dik ta' bejn xerrej (atturi) u bejjiegħ (konvenuta). Dan ifisser li l-istanza attriċi u r-rimedju li qed jippretendu l-atturi għandhom jipparteċipaw mill-prinċipji li jirregolaw l-Istitut tal-Bejgħ. In vista ta' tali kwalifika, jiġu reġistrati l-eċċezzjonijiet li ġejjin.
2. Is-soċjeta` konvenuta qed tinterpreta l-istanza attriċi bħala waħda li tista' tinfthiem bħala waħda li tista' taqa' f'waħda minn dawn iż-żewġ xenarji:

   (a) jew li l-atturi qed jippromwovu azzjoni kontemplata fl-Art. 1390 Kod. Ċiv. stante li qed jikkwerelaw il-kwaliti tal-oġġett mibjugħ lilhom u qed jagħżlu li jirrifjutaw l-ħaġa u jitolbu d-danni. Dan hu hekk għax l-atturi qed jippretendu r-rifużjoni tal-prezz tal-bejgħ u d-danni u mhux li jirċievu l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti;

(b) jew li l-atturi qed jippromwovu azzjoni kontemplata fl-Art. 1424 Kod. Ċiv. stante li qed jikkontendu li l-oġġett lilhom mibjugħ huwa difettuż u qed jagħżlu li jirrifjutaw il-ħaġa u jitolbu d-danni (azzjoni redibitorja). Dan hu hekk għax l-atturi qed jippretendu r-rifuzjoni tal-prezz tal-bejgħ u mhux li jitolbu lura dik il-biċċa mill-prezz li tiġi stabbilita mill-qorti hekk kif previst l-Art.1427 Kod. Ċiv.

3. Għalhekk, peress li f'azzjonijiet taħt l-istitut tal-bejgħ mhux konsentit li jkun hemm kumulu ta' azzjonijiet bħal dawn - ta' indole diversa u b'applikazzjoni ta' normi distinti - jokkorri lill-atturi li jidentifikaw bi preċiżjoni t-tip ta' azzjoni minnhom imressqa biex il-parti konvenuta jkollha l-vera opportunita` li tiddefendi ruħha kif jixraq kontra l-pretiża attriċi.

4. Jekk il-kawża hija ta' xerrej li jrid jerġa' lura minn bejgħ stante li l-ħaġa mhux tal-kwalita` pattwita, tali azzjoni hi destinata tfalli u dan, inter alia, għaliex:

(a) irid ikun hemm ir-rifjut tal-ħaġa mal-kunsinna tagħha. Ħaġa li fil-każ odjern ma seħħitx;

(b) qabel jew konkomitanti għall-introduzzjoni tat-talba ġudizzjarja (u ċertament mhux warajha), irid ikun hemm id-depożitu tal-ħaġa taħt l-awtorita` ġudizzjarja. Din hi kundizzjoni "sine qua non" u ż-żamma tal-ħaġa tinnetralizzaw l-istess azzjoni. L-atturi ma jidhrux li ddepożitaw il-ħaġa li issa qed jilmentaw minnha kif minnhom mistqarr, iżda għall-kuntrarju l-artturi żammew l-oġġett tal-bejgħ.

5. Jekk il-kawża hija ta' xerrej li jrid jerġa' lura minn bejgħ stante li l-ħaġa għandha difett, tali azzjoni hi destinata tfalli u dan, inter alia, għaliex:

(c) id-difett jeħtieġ li jkun mistur fil-mument tal-bejgħ. Fattur li fil-każ odjern ma jirriżultax lanqas allegat mill-att promotur;

(d) qabel jew konkomitanti għall-introduzzjoni tat-talba ġudizzjarja (u ċertament mhux - warajha), irid" ikun hemm id-depożitu tal-ħaġa taħt l-awtorita` ġudizzjarja. Din hi kundizzjoni "sine qua non" u ż-żamma tal-ħaġa tinnetralizzaw l-istess azzoni. L-atturi ma jidhrux li ddepożitaw il-ħaġa li issa qed jilmentaw minnha kif minnhom mistqarr, iżda għall-kuntrarju l-atturi żammew l-oġġett tal-bejgħ.

6. Fil-mertu, fil-mument tal-bejgħ, l-atturi eżaminaw l-oġġett tal-bejgħ u aċċertaw ruħhom mill-kwalita` tiegħu u, għalhekk, ma jistgħux issa

jilmentaw li l-kwalita` hi differenti jew defiċjenti. Hawn tappika l-massima *caveat emptor*.

7. Fil-mertu, l-bejgħ odjern hu wieħed validu u l-oġġett tal-bejgħ hu tal-kwalita` mifthiema u kull allegazzjoni xort'oħra qed tiġi miċħuda u l-istess allegazzjonijiet, fi kwalunkwe każ, għandhom jiġu pruvati bi provi rilevanti u tajbin biżżejjed skont il-liġi.

8. L-atturi huma tenuti jipprovaw il-każ u l-allegazzjonijiet tagħhom skont dak li jgħid u jrid l-Art. 562 Kod. Proċ. Ċiv., kif abbinat, inter alia, mal-Artt. 558 u 559 tal-istess Kodiċi.

Rat li l-eċċezzjonijiet 2(b) u 5 ġew irtirati.

Rat l-ewwel Risposta Ġuramentata ulterjuri tas-soċjeta` imħarrka Intercomp Marketing Limited [Reġ. Nru. C-20612] li permezz tagħha eċċepiet id-dekadenza tal-azzjoni attriċi ai termini tal-Art 1407 tal-Kodiċi Ċivili.

Rat it-tieni Risposta Guramentata ulterjuri li permezz tagħha l-konvenuta qanqlet l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' interess ġuridiku u ta' leġittimita` attiva tal-atturi.

Rat l-atti tal-kawża.

Rat li l-atturi naqsu li jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet fiż-żmien lilhom mogħti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta.

Ikkunsidrat:

Kif jiddetta l-ordni loġiko-ġuridiku, l-ewwel li trid tiġi ttrattata hija l-aħħar eċċezzjoni ulterjuri għaliex, jekk tintlaqa', toqtol l-azzjoni.

Inxtraw żewġ sistemi biex jintużaw fil-bejgħ tal-prodotti. L-ewwel waħda tirriżulta minn skrittura datata 6 t'Awwissu u nxtrat għall-ħanut ta' Ħaż-Żabbar. F'din l-iskrittura, intitolata *purchase agreement* taħt "*company name"* hemm imniżżel "Mrs. Rose Barun" filwaqt li Priscilla Gialanze hi indikata bħala "*Contact Name*" kif ukoll bħala "*Customer Name*"; il-firma hija ta' Priscilla Gialanze. Il-fattura dwar l-istess bejgħ, datata 3 t'Ottubru 2013, hija indirizzata lil "Gamblu Confectionery – Mrs Priscilla Gialanze".[1] It-tieni waħda nxtrat għall-ħanut taż-Żejtun.

L-atturi esebew fattura dwar it-tieni bejgħ indirizzata lil "Gamblu Confectionery" Triq il-Labour, Żejtun.[2] Fuq talba tal-atturi, Carmen Robinson, *Brand Manager* tal-konvenuta, esibiet il-*purchase agreement* tat-tieni bejgħ, datata 17 ta' Novembru 2014 li fih "Mrs Rose Barun" hija mniżżla bħala "*Sole Trader"*; u Mrs Priscilla Gialanze bħala "*Contact name*" kif ukoll bħala "*Customer Name*". Il-firma hija ta' Priscilla Gialanze.[3] Robinson esebiet ukoll "*delivery/invoice*" datata 10 ta' Ġunju 2015 indirizzata lil Gamblu Confectionery;[4] kif ukoll *purchase agreement* ieħor datat 26 ta' Mejju 2015 ukoll indirizzat lil "Mrs Rose Barun" bħala "Fattura Company or Sole Trader"; Priscilla Gialanze hija l-"*contact person*" u l-firmatarja bħala "*customer*".[5]

Il-konvenuta ssostni li kienet bint l-atturi, Priscilla Gialanze, li kkuntrattat magħha u mhux l-atturi. Mhux ikkontestat li Priscilla kienet tieħu ħsieb in-negozju tal-ħwienet tad-dolċerija bl-isem *Gamblu Confectionery*; wieħed f'Ħaż-

[1] Fol 184
[2] Fol 6 u fol 185
[3] Fol 51
[4] Fol 50
[5] Fol 52

Żabbar u l-ieħor iż-Żejtun li nfetah wara dak ta' Ħaż-Żabbar. Fl-ewwel paragrafu tal-affidavit tagħha stqarret li "F'dan il-ħanut nieħu ħsieb kollox jiena għaliex ommi ma tersaqx 'l hemm u għalhekk it-tmexxija f'idejja".[6]

Fl-ewwel paragrafu tar-rikors maħluf tagħhom, l-atturi stqarru li "jiġġestixxu u joperaw" il-ħwienet imsemmija.

Rose Barun, prodotta mill-konvenuta, xehdet li l-ħwienet xtrawhom hi u żewġha iżda tamministra n-negozju binthom; tixtri kollox hi u huma ma jersqux 'l hemm. Huma iżda ħarġu l-flus għax-xiri tas-sistemi in kwistjoni.[7] Paul Barun, ukoll prodott mill-konvenuta, ikkonferma li ċ-ċekkijiet tan-negozju tiffirmahom martu Rose. Il-flus huma tal-atturi. In-negozju tmexxih it-tifla.[8] Priscilla Gialanze, in kontro-eżami, ikkonfermat li n-negozju jsir bi flus il-ġenituri. Ma tirrifondilhomx il-flus li joħorġu permezz ta' ċekkijiet iffirmati minn ommha, għaliex "dawk tagħhom hu".[9]

Jirriżulta għalhekk illi għalkemm Priscilla Gialanze kienet tmexxi n-negozju tal-ħwienet in kwistjoni, in-negozju jappartjeni lill-ġenituri tagħha. Ix-xiri kollu konness mal-ħwienet kien isir bi flushom, inkluż ix-xiri tas-sistemi in kwistjoni. Huwa minnu li dan mhux bilfors prova li n-negozju huwa tagħhom, in kwantu terz jista' jħallas għal xiri ta' ħaddieħor. Iżda min-naħa l-oħra huwa inverosimili li jħallsu ta' negozju sħiħ u kontinwu; jekk xejn minħabba raġunijiet ta' taxxa. Mhux hekk biss imma. L-iskritturi li permezz tagħhom ġie kkuntrattat il-bejgħ huma f'isem l-attriċi Rose Barun. M'għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-istess skritturi, għalkemm iffirmati minn Priscilla Gialanze, dan għamlitu bħala "*manager*" tal-ħwienet u mhux bħala sid. Tant huwa ċar li n-negozju sar f'isem l-atturi li l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' legittimita` u ta' interess ġuridiku saret biss lejn l-aħħar tal-kawża. Meta kkuntrattat, il-

[6] Fol 33
[7] Fol 276 et seq
[8] Fol 282 et seq
[9] Fol 289

konvenuta ma kellha l-ebda dubju dwar ma' min kienet qiegħdha tiftihem. Il-*punctum temporis* hu meta saret il-kuntrattazzjoni, u mhux wara. Din l-eċċezzjoni hija għalhekk mingħajr bażi.

L-atturi ddikjaraw li l-kawża saret speċifikament abbażi tal-Artiklu 1390 tal-Kodiċi Ċivili. Li jfisser li l-azzjoni attriċi hija soġġetta għat-terminu ta' dekadenza ta' sentejn *ex*-Artiklu 1407(1) tal-Kodiċi Ċivili. L-ewwel bejgħ sar fis-6 t'Awwissu 2013 filwaqt li l-kawża nfetħet fl-14 ta' Diċembru 2016. Għalhekk l-azzjoni attriċi hija estinta fir-rigward ta' dan il-bejgħ. It-tieni bejgħ sar fl-10 ta' Ġunju 2015. Hemm *purchase agreement* ieħor datat 17 ta' Novembru 2016. Dan huwa wkoll soġġett għad-dekadenza. B'danakollu jidher li ma jirreferix għal xi bejgħ ieħor iżda ġie mmodifikat bil-*purchase agreement* tal-10 ta' Ġunju 2015, li mhuwiex estint bid-dekadenza.

L-atturi jallegaw li xtraw it-tieni sistema appuntu sabiex iż-żewġt iħwienet ikunu sinkronizzati flimkien; u li l-ftehim kien verbali. Carmen Robinson ċaħdet li kellu jkun hemm sistema sinkronizzata. Hawnhekk il-Qorti hija ffaċċjata b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti.

Priscilla Gialanze rrakkontat f'dettall kbir kif addett tal-konvenuta, ċertu Duncan, mar kemm-il darba biex jipprova jissinkronizza s-sistema, iżda mingħajr suċċess. F'dan ir-rigward hija tinstab ikkorroborata mix-xhieda ta' bintha Blanche Gialanze li kienet tassisti lil ommha fil-ħanut ta' Ħaż-Żabbar, li stqarret, fost l-oħrajn, li lil Robinson ommha talbitha "li l-(*loyalty) cards* jaqblu ma' ta' Ħaż-Żabbar għal taż-Żejtun".[10] Fl-istess sens xehdet Maronia Galea, impjegata tal-Gamblu Confectionery.[11] La Blanche Gialanze u lanqas Maronia Galea ma ġew ikkontro-eżaminati. Barra minn hekk, il-verżjoni tal-atturi ssib

[10] Fol 180
[11] Fol 46

sostenn ukoll minn uħud mis-*service reports* tad-dipartiment tekniku tal-konvenuta li huma konnessi ma' problemi ta' sinkronizzazzjoni. Għalhekk il-Qorti tqis li l-verżjoni tal-atturi f'dan ir-rigward hija waħda kredibbli u sostnuta mill-provi.

Il-konvenuta eċċepiet ukoll li l-atturi ma ddepożitawx l-oġġett minnhom mixtri fir-Reġistru tal-Qorti. Dak li l-Artiklu 1390 jitlob huwa li x-xerrej ma jaċċettax il-ħaġa. Id-depożitu fil-Qorti jsir biex ma jkun hemm l-ebda ekwivoku dwar ir-rifjut tal-ħaġa; mhuwiex element essenzjali tal-azzjoni. Ħafna jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. F'dan il-każ Priscilla Gialanze spjegat li għal xhur sħaħ kienet kostretta tkompli taħdem bis-sistema mixtrija minnha għax altrimenti kienet twaqqaf in-negozju kollu tagħha ta' dolċerija. Hija pprotestat bil-qawwi ma' Carmen Robinson, li offritilha kreditu ta' 'l fuq minn ħamest elef ewro kemm-il darba tixtri sistema ġdida. Hija sabet u xtrat sistema oħra li kienet iktar minn ħamest elef ewro orħos minn dik offruta mill-konvenuta. Imbagħad il-*hardware* tas-sistema poġġietu f'kaxxa u refagħtu. Bgħatet ittra uffiċjali lill-konvenuta. Fi żmien qasir fetħet il-kawża. Din il-kondotta qajla tista' ssarraf fl-aċċettazzjoni tal-prodott.

Priscilla Gialanze xehdet dwar id-danni li ġarrbu l-atturi b'konsegwenza tan-nuqqas tal-konvenuta. Ħliet sigħat twal biex tagħmel dak li kellha tagħmel is-sistema. Tat kreditu lill-klijenti kollha minħabba n-nuqqas ta' funzjonament tal-*loyalty card*. Nefqet €13,000 biex daħħlet sistema tajba. Nefqet kwantita` ta' flus għaż-żjarat tat-*technicians* tal-konvenuta. Tilfet il-klijenti. B'danakollu, l-atturi naqsu li jġibu l-iċken prova dwar il-kwantum ta' dawn id-danni. Kull ma ndikaw hi s-somma ta' €13,000 li iżda ma ġabux prova tal-ħlas tagħha. Il-Qorti ma tistax taċċetta n-nuqqas tal-aħjar prova speċjalment meta tkun waħda dokumentali. L-unika ras ta' danni li hemm prova tagħha, anke għax mhux ikkontestat, huwa l-prezz li l-atturi ħallsu għas-sistema u ċjoe` €6,466.99.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri dwar in-nuqqas ta' leġittimita attiva u interess ġuridiku tal-atturi.
2. Tilqa' l-eċċezzjoni dwar id-dekadenza ex-Artikolu 1407 tal-Kodiċi Ċivili limitatament għall-ewwel bejgħ.
3. Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħrajn tal-konvenuta li ma ġewx irtirati.
4. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara lill-istess soċjeta` konvenuta responsabbli tad-danni minnha kkaġunati lill-atturi b'konsegwenza tal-akkwist tas-sistemi provduti mis-soċjeta` konvenuta.
5. Tilqa' t-tieni talba billi tillikwida d-danni fis-somma ta' €6,466.99.
6. Tikkundanna lill-istess soċjeta` konvenuta tħallas lill-atturi d-danni hekk liwkidati.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv a kariku tas-soċjeta` konvenuta.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA